**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Robert Vella)**

**-vs-**

**Sean Grech, detentur tal-karta ta' l-identità bin-numru 81790(M).**

*Każ Nru.: 790/2018*

Illum, 20 ta' Jannar, 2025

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat **Sean Grech**, u ċioè talli:

F'xi jum bejn it-30 ta' Dicembru, 2015 u/jew fix-xhur ta' qabel l-imsemmija data, ġewwa dawn il-Gżejjer Maltin:-

1. Xjentement xtara jew laqa għandu oġġetti misruqa, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra min Malta, jew xjentement b'kull mod ieħor li ndaħal biex ibiegħhom jew imexxihom;

2. U aktar talli ikkommetta reat u kiser il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, liema kundizzjonijiet kienu ġew imposti fuqek b' sentenza tal-Qorti mogħtija lilek fit-13 ta' Novembru, 2013, mill-Maġistrat Dr. Saviour Demicoli LL.D, u kif ukoll b'sentenza oħra mogħtija lilu nhar is-06 ta' Marzu, 2015, mill-Maġistrat Dr. Natasha Galea Sciberras LL.D, liema sentenzi saru definittivi u ma jistawx jiġu mibdula.

3. U fl-aħħar talli ikkommetta reat punibbli bi priġunerija waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza ta' priġunerija sospiża mogħtija lilek mill-Maġistrat Dr. Francesco Depasquale LL.D. nhar l-01 ta' Dicembru, 2015

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Ġenerali sabiex il-każ jigi trattat bi proċedura sommarja[1] w li l-imputat m'għandu l-ebda oġġezzjoni biex il-każ jiġi hekk trattat.[2]

Illi din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta fl-"Assenjazzjonijiet ta' Kawża" mogħti mis-S.T.O. Prim Imħallef Mark Chetcuti fit-2 ta' Frar, 2024.

Illi l-ewwel seduta minn din il-Qorti kif preseduta saret fit-12 ta' Ġunju, 2024.

Ikkunsidrat:

Rat li waqt l-udjenza miżmuma llum l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 392A(1) moqri flimkien mal-artikolu 370(6) tal-Kodiċi Kriminali w ċioè wara li l-imputat wieġeb li hu ħati għall-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba w hi ngħata żmien xieraq sabiex jekk ried jerġa lura minnha u dan anke billi ikkonsulta mal-legali tiegħu hekk kif il-kawża ġiet posposta għal dan l-iskop.

Semgħet ix-xhieda.

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, u għaldaqstant, fuq l-ammissjoni volontarja w inkondizjonata tiegħu, il-Qorti tiddikjara li m'għandhiex triq oħra salv li ssib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu kif minnu ammessi.

---

[1] Fol.8
[2] Fol.11

**Il-Piena**

A. Għall-imputazzjonijiet odjerni

In konsiderazzjoni tal-piena l-Qorti qieset in-natura tar-reati li dwarhom qed tinstab ħtija, tal-fatt li l-parte leża ġie kumpensat in toto, tal-fedina penali tal-imputat u finalment il-fatt li dan il-każ jirrisali għal 2015 bl-akkużi jinqraw biss f'Ġunju 2022

B. Piena għal ksur ta' Ordnijiet ta' Probation.

L-imputat ammetta wkoll għat-tieni imputazzjoni fejn għalhekk il-Qorti għandha tittratta mal-imputat fuq is-sentenzi mogħtija nhar it-13 ta' Novembru, 2013 u fis-6 ta' Marzu, 2015.

Bis-sentenza tat-13 ta' Novembru, 2013 l-imputat kien instab ħati talli fl-4 ta' Marzu, 2009 għall-ħabta tas-2:00hrs minn mal-faċċata tar-residenza numru 68, RioRita, Triq il-Belt Valletta, Raħal il-Ġdid, ikkommetta serq ta' apparat tas-CCTV, liema serq hu aggravat bil-mezz, ħin u dan għad-detriment ta' Joseph u Francesca Bonnici u jew persuni oħra.

Bis-sentenza tas-6 ta' Marzu, 2015 l-imputat kien instab ħati talli f'dawn il-Gżejjer, nhar is-17 ta' Settembru, 2011 u matul l-aħħar ġimgħat qabel din id-data, kellu fil-pussess tiegħu d-droga eroina mingħajr ma kien awtorizzat bi ksur tar-regolament 8 tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N.279/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, kif ukoll talli kellu fil-pussess tiegħu mediċina psikotropika u ristretta meta ma kienx awtorizzat kif imiss, bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'Jaqsmu Magħha.

<u>Artikolu 23 tal-Att dwar il-Probation</u>

Għaldaqstant a tenur tal-Artikolu 23(1)(a) tal-Att dwar il-Probation, Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, billi l-imputat qed jinstab ħati li kiser il-provvediment tal-Artikolu 22 tal-Att dwar il-Probation, Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, impost fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati preseduta mill-Maġistrat Dr. Saviour Demicoli fit-13 ta' Novembru, 2013 u mill-Maġistrat Dr. Natasha Galea Sciberras fis-6 ta' Marzu, 2015[3], qed tittratta miegħu għall-imputazzjonijiet li

[3] **Dok.OZ6** a fol.132 et seq

dwarhom kien tpoġġa' taħt tali ordnijiet daqs li kieku għadu kemm ġie dikjarat ħati minn jew quddiem din il-Qorti għal dawk l-imputazzjonijiet.

In konsiderazzjoni tal-piena l-Qorti minbarra li qed tikkunsidra n-natura tar-reati li dwarhom ingħata l-libertà kundizzjonata, ma tistax ma ssemmix kif dan il-proċediment karkar ghal għaxar snin.

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 17, 28B, 31, 261(b)(f), 263, 270 278(2) u 334 tal-Kodiċi Kriminali, issib l-imputat ħati tal-imputazzjonijiet u ai termini tal-Artikolu 7 tal-***Att dwar il-Probation,*** Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna lil ħati li jitqiegħed taħt ordni ta' *probation* għall-perjodu ta' sena (1) millum.

Inoltre ġaladarba l-imputat qed jinstab ħati li ikkommetta reat waqt il-perjodu operattiv ta' żewġ ordnijiet ta' libertà kondizzjonata, il-Qorti ser tittratta miegħu ghal dawn il-ksur.

Inoltre, wara li rat l-artikoli 21 u 23 tal-Att dwar il-Probation, Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, u reġgħet rat l-Artikoli 17(b)(h), 18 u 31 tal-Kodiċi Kriminali, it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-***Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi,*** Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, tar-Regolament 9 tar-***Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi*** (G.N. 292/1939 kif emendata, L.S.101.02), u tal-artikoli 40A, 120A(1)(a) u 120A(2)(b)(ii) tal-***Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha,*** Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-regolament 5 tar-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Mediċini (L.S.31.18; A.L. 22 tal-1985, kif emendat), qed titratta mal-ħati dwar l-imputazzjonijiet li dwarhom instab ħati fit-13 ta' Novembru 2013 u fis-6 ta' Marzu, 2015, daqs li kieku għadu kemm ġie dikjarat ħati.

Konsegwentement qed tikkonferma is-sejbien ta' ħtija kif jirrizulta minn dawk l-imsemmija sentenzi, u ai termini tal-Artikolu 7 tal-***Att dwar il-Probation,*** Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna lil ħati li jitqiegħed taħt ordni ta' *probation* għall-perjodu ta' sentejn (2) millum.

Il-Qorti spjegat lill-ħati l-konsegwenzi jekk jikkommetti reat ieħor waqt il-perjodu operattiv tal-Ordnijiet ta' Probation fuqu maħruġa skond din is-sentenza kif ukoll jekk ma jsegwix id-direttivi li se jingħatawlu fil-perjodu ta' superviżjoni.

Tordna <u>notifika</u> ta' din is-sentenza lid-Dipartiment tal-Probation and Parole.

Finalment a tenur tal-artikolu 392A(2) tal-Kodiċi Kriminali, moqri flimkien mal-artikolu 370(6) tal-Kodiċi, tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata ta' dawn l-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech**
**Maġistrat**